Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 211/2013/1

**Mario Farrugia kemm personalment kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-Fondazzjoni Wirt Artna** **(appellati)**

**Vs**

**Martin Baron** **(appellant)**

4 ta' Ottubru, 2019.

1. L-atturi ħarrku lill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) minħabba kummenti li għamel fuq il-sit elettroniku timesofmalta.com wara l-pubblikazzjoni ta' tlett artikoli, u li l-atturi jsostnu li huma libellużi. Artikoli li kienu pubblikati fir-rigward ta' kontroversja li nqalgħet wara li b'ittra uffiċjali tal-1 ta' Diċembru, 2011 il-Kummissarju tal-Artijiet ta avviż lill-konvenut li fi żmien tlett (3) xhur minn dakinhar kienet qegħda tiġi terminata l-kirja ta' kiosk flimkien mal-ispazju fejn kellu s-siġġijiet u mwejjed, u dan peress *".... l-istess site imsemmi huwa meħtieġ għall-interess pubbliku"* (fol. 68).

2. Il-konvenut iddefenda ruħu billi argumenta li ma qal xejn li kien malafamanti fil-konfront tal-atturi, u kull ħaġa li qal kien *fair comment*.

3. B'sentenza tal- il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) iddeċidiet:

***Tichad*** *l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,*

***Tilqa*** *t-talba tar-rikorrenti kif dedotti u*

***Tiddikjara*** *il-kontenut ta' l-kummenti ta' l-intimat Martin Baron fuq is-sit www.timesofmalta.com, taht l-artikoli li dehru fit-22 ta' Lulju 2012 intitolat "**Cafe owner goes to war over plans for gunner's quarters**", kif ukoll fid-19 ta' Novembru 2012 intitolat "**Valletta restauranteur insists Mepa permit was issued on basis of wrong information**" u fit 22 ta' Novembru 2012 intitolat "**War of words over Master Gunner's Quarters hots up**" bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk,*

***Tikkundanna** lill-intimat, bhala l-awtur tal-kummenti, jhallas lir-rikorrenti lkoll flimkien is-somma komplessiva ta' hamest elef Euro (€5,000) in linea ta' danni sofferti minnhom rizultat tal-kummenti li ghamel l-intimat fil-konfront taghhom.*

*Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha".*

4. Permezz ta' rikors preżentat fit-30 ta' Jannar, 2019, il-konvenut appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-10 ta' Jannar, 2019. L-aggravji tal-konvenut huma li:

    i. Fis-sentenza l-ewwel qorti ma qalitx liema mill-għaxar kummenti li l-atturi mmarkaw bil-blu fuq id-dokumenti mehmuża mar-rikors promotur, qegħdin isostnu li tawhom malafama. Il-konvenut stieden lil din il-Qorti sabiex tara wieħed wieħed il-kummenti u tasal għall-konklużjoni tagħha jekk kellhomx jitqiesu li jimmalafamaw lill-atturi. Dan meħud in konsiderazzjoni li l-attriċi hi entita' pubblika u għalhekk huma permissibbli ċertu kummenti. Inoltre jsostni li l-kummenti kienu *fair comments* jew dak li ntqal kien sostanzjalment korrett. Żied li l-konvenut ġie nġurjat bil-kummenti li saru mill-atturi stess u għalhekk għandu jkun hemm element ta' kompensazzjoni.

    ii. Fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hemm ċertu ineżattezzi bħal, per eżempju, il-kwistjoni dwar il-permess ta' żvilupp li tat l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

    iii. Jekk hemm kummenti ta' persuni oħra, ma tressqet l-ebda prova li għamilhom il-konvenut jew li ta xi kontribut sabiex saru dawk it-tip ta' kummenti. Dan qed jingħad għaliex mis-sentenza qisu jingħata x'jifhem li l-konvenut kien responsabbli għal dawk il-kummenti.

    iv. L-attur għamel diversi argumenti dwar provi li tressqu mill-partijiet, hekk per eżempju, dwar il-kwistjoni jekk fuq is-sit fejn hemm il-'*Cafe' De Baron'* kienx hemm mibnija fl-antik il-'*Masters Gunners Quarters'* il-konvenut isostni li ma tressqet l-ebda prova konklussiva li dak li allega l-konvenut fil-fatt ma kienx korrett;

v. Is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) li l-ewwel qorti kkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi, hi eċċessiva. Il-konvenut isostni li dak l-ammont huwa eżaġerat u għandu jitnaqqas minn din il-Qorti. Għamel riferenza għall-osservazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti f'paragrafi 'B', 'C', 'D', parti mill-paragrafi 'E', 'G', 'H', u 'I'. Il-konvenut isostni li ma jaqbilx ma' dawk l-osservazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti u mbagħad għadda biex jgħid għalfejn ma jaqbilx.

5. Permezz ta' tweġiba preżentata fil-25 ta' Frar, 2019, l-atturi wieġbu għar-rikors ta' l-Appell fejn taw ir-raġunijiet għalfejn, fil-fehma tagħhom, din il-Qorti għandha tiċħad l-Appell tal-konvenut. L-atturi jsostnu li:

i. Il-kummenti kollha li nkitbu mill-konvenut huma malafamanti. Żiedu li l-fatt li l-attriċi hi entita' pubblika ma jfissirx li huwa permissibbli li jsiru allegazzjonijiet foloz kontra tagħha. Inoltre, għalkemm il-konvenut isostni li l-attur immalafamah, ma jirriżultax li ħa xi passi legali kontrih. Għalhekk dak l-argument hu irrilevanti.

ii. Dwar is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000), l-atturi jsostnu li din il-qorti m'għandhiex tvarja d-diskrezzjoni li għandha l-ewwel qorti meta tiġi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu. Il-kummenti ma kinux *fair comments* u ma kellhomx isiru u kollha kemm huma għamlu ħsara lill-atturi. Dan apparti li s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) hi inqas minn nofs l-ammont massimu li l-ewwel qorti setgħet tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas bhala danni għal malafama.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

6. Il-kawża titratta dwar kummenti li l-konvenut kiteb u poġġa fuq il-verżjoni elettronika tat-Times of Malta, b'riferenza għall-tlett artikoli li kienu pubblikati fuq il-*website* tal-gazzetta.

7. Meta xehed fis-7 ta' Lulju, 2014 l-attur ippreżenta nota li fiha hemm elenkati il-kummenti li jsostni li saru mill-konvenuti u li huma malafamanti. Pero' fir-rikors promotur ilimita l-pretensjoni tiegħu għal dawk il-kummenti:-

> *"datati it-22 ta' Lulju, 2012, id-19, l-20 u t-22 ta' Novembru, 2012, illi jinsabu imberflin fil-blu fid-dokumenti 'A', 'B' u 'C'"*

8. Il-kummenti li kiteb il-konvenut u li huma oġġett tal-kawża jaqraw:-

i. **<u>22 ta' Lulju, 2012 19.45</u>**

*"Believe me I love history and preservation, but not it's being used as a front. The application for the 'restoration' of the Gunner's house was an eleventh hour addendum to their project, purely to provide the pretext for taking over the area for lucrative reception business. In the capable hands of Wirt Artna the Couvre Porte Birgu (out of which they kicked out yet another Restaurant owner"The Boccacio) caught fire.*
*As did our famous Pulena which was burnt in the unfortunate fire which destroyed the Cutty Sark in London.*
*An organization is defined by its actions, not by its title. Remember the democratic republic of this and that country in the past ? Were they democratic ?"*

ii. **<u>22 ta' Lulju, 2012 20.01</u>**

*"How can the house built for the gunner's convenience and that of his family be considered part of the war machine? What war machine? Why don't we then also re-install all the ack ack and gun emplacements of the second world war atop all our bastions? Hey smell the coffee? The all-clear has sounded you know, WWII has been over for decades. The beauty of Valetta is in its original state... A city built by the KNIGHTS, by gentlemen for gentlemen. It should not be DEGRADED to some HOORAH SGT MAJOR tramping boots re-enactment stage. The saluting battery is enough for that, we don't need your COLONIAL NOSTALGIA to mushroom. That room is a FRONT applied for a few months ago whereby you can usurp the valid title of lease for land enjoyed by the cafe* ***to replace the NON-EXISTENT title of lease of the Saluting Battery, snatched from the MALTESE public to be rented out to them at profit.***

*Our history did not start with the COLONIAL period so close to the heart of your Organization. And its famous opponent Mahatma Gandhi is quoted as saying that the world can provide for everyone's need, but not for everyone's greed. You shall not retake what belongs to the Maltese by stealth, by slowly increasing the heat to boil the inadvertent frog".*

iii. **<u>22 ta' Lulju, 2012 20:09</u>**

*"Mario, you are misleading the readers...* ***Your Guardianship deal is for the Stores and the buildings the Lascaris war rooms NOT FOR GARDEN WHERE THE GUNS ARE SITUATED. It is this garden that you have no title to whatsoever, that you organize lucrative parties and charge the Maltese for rental of land thay they themselves own.*** *It is precisely for this reason that you want to take over the land leased to me, so that after all these years you REGULARIZE your position".*

iv. **<u>22 ta' Lulju, 2012 17:47</u>**

*"If Wirt Artna have their way the remaining level, where Cafe Deux Baronnes is situated, and which has a perimeter open and free to the public and tourists 24/7 will be closed.*
*One can only be GUARANTEED access to the magnificent view of the Grand Harbour and the events therein if Wirt Artna's usurping of the place is stopped"*.

v. **<u>22 ta' Lulju, 2012 17:26</u>**

*"Jien qatt ma nhbejt f'li ghamilt. Qied mnizzel bhala Martin fil-login tat Times ghax dak ilu li inholoq, u ma sarx minhabba il-maniggi ricenti ta Wirt Artna. Ma nhbejtx meta oggezzjonajt b'ismi ghall-izvilupp tieghek mal Mepa, u meta ghamilt ix-xoghol qabel ma kellek il-permess, Ma nhbejt meta rrapurtajtek li Kummissarju Ghall Ghaqdiet Voluntarju minhabbi l-agir KUMMERCJALI u "unfairly competitive" tieghek u ma nhbejtx meta rrapurtajtek lis-Superintendency Tal Heritage minhabba li waqt li int kont qed thaffer mas-sur ezatt tal Barkka ta fuq, inti sibt "buried structure" bil-hnejjiet b'kollox u komplejt ghaddej b'katusa tad-dranagg minn go fiha. Wirt Artna Tassew!!!! Who shall police the policeman? Ma nhbejtx meta rrapurtajtek li Unesco dwar dan".*

vi. **<u>22 ta' Lulju, 2012 15:28</u>**

*"Wirt Artna were not content with the money they made by usurping an entire half of the Upper Barrakka Gardens which are KEPT CLOSED AT ALL TIMES for the public, but they want to expand their hospitality BUSINESS to include this area which is declared by the Land department to be an open site, free to the PUBLIC at all times. I say usurping, because they have* ***NO LEGAL TITLE whatsoever to the Saluting Battery and are RENTING out that which belongs to the Maltes Public.*** *Cafe Deux Baronnes has a title of lease to the site and not mere encroachment"*.

9. *Posts* li m'oħrajn ta' terzi, li jinkludu wkoll tal-attur, saru wara li fit-22 ta' Lulju, 2012 kien pubblikat artikolu bit-titlu: ***'Cafe owner goes to war over plans for gunner's quarters'***.

10. Fid-19 ta' Novembru, 2012 kien pubblikat artikolu ieħor fl-istess gazzetta bit-titlu ***"Valletta restaurateur insists Mepa permit was issued on basis of wrong information"*** (fol. 25). Il-kummenti tal-konvenut li minnhom jilmentaw l-atturi huma:

**i. <u>20 ta' Novembru, 2012 08:40</u>**

*"JULIAN, the REAL purpose behind all this as I have said before, is to clear me out so that fleets of outside catering vans can have ample space to park. That is why FWA only discovered the gunners quarters only a few months ago.*

*The kiosk may be aged now, but its snug in a corner and much preferable to a 5 chimneyed stone monstrosity atop the bastions"*.

**ii. <u>19 ta' Novembru, 2012 18:34</u>**

*"Given this undeniable proof that the Master Gunners quarters were really situated one bastion below mine, I am not only appealing the decision by MEPA on PA01237/12, but also challenging the applicaiton and permit itself under article 77 which allows this when false and misleading information is supplied in the application"*.

11. Fit-22 ta' Novembru, 2012 kien pubblikat it-tielet artikolu bit-titlu ***"War of words over Master Gunner's quarters hots up"***. Dak li kiteb il-konvenut u li l-atturi ilmentaw dwaru hu:

*"FWA are in full and DESPERATE retreat ... everyone get a ruler and compare their 'newly discovered' unsigned, unreference, undated, unsourced plan which was never presented to MEPA in their application to this..... This is Referenced VSB55, signed, dated 18/2/13, and sourced at the National Archives Rabat"*.

12. L-ewwel qorti osservat li l-konvenut allega li:-

*"a. illi l-Fondazzjoni kienet ser taghmel qliegh konsiderevoli mill-kiri tas-Saluting Battery, li ghalih huma ma ghandhom ebda dritt;*

*b. Illi l-Fondazzjoni ma kellha ebda titolu fuq is-Saluting Battery u illi kienet qed tipprova tisraq l-art illi fuqha kien hemm il-kiosk tieghu;*

*c. Illi l-Fondazzjoni kienet qed taghmel qliegh minn fuq ic-cittadin billi tisraq u tuzurpa bicciet art u tuzahom ghall-qliegh;*

*d. Illi l-Gunner Master's Quarters qatt ma kien fejn kien hemm il-kiosk, izda kienu aktar 'l isfel, u ghalhekk kienet kollha invenzjoni tal-Fondazzjoni sabiex tqacctu 'l barra u ccahhad in-nies mill-veduta accessibbli mill-hanut tieghu filwaqt illi taghmel qliegh a skapitu ta' kullhadd".*

13. Minn qari tas-sentenza hu evidenti li dawk kienu l-aspetti tal-*posts* li wasslu lill-ewwel qorti sabiex tilqa' t-talba tal-atturi (ara paragrafu 6 tas-sentenza bit-titlu *'Konsiderazzjonijiet dwar it-talba').* Hu dwar dak li din il-qorti trid tiddeċiedi, fis-sens jekk l-ewwel qorti waslitx għall-konklużjoni korretta.

14. Qalet sew l-ewwel qorti li l-konvenut allega li l-Fondazzjoni ħatfet bla jedd il-pussess ta' dik il-parti magħrufa bħala *Saluting Battery* fil-kumpless magħruf bħala *Lascaris War Headquarters complex*. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-

post tat-22 ta' Lulju, 2012 fit-15:28 fejn kiteb, *"Wirt Artna were not content with the money they made by usurping an entire half of the Upper Barrakka Gardens which are KEPT CLOSED AT ALL TIMES for the public....* ***I say usurping, because they have NO LEGAL TITLE whatsoever to the Saluting Battery****...."* (fol. 23).

15. Mill-provi rriżulta li b'kuntratt tas-26 ta' Jannar, 2009 dik l-area kienet ingħatat mill-Gvern lill-Fondazzjoni għall-perjodu ta' għaxar (10) snin, bid-drittijiet u obbligi li jissemmew fl-istess kuntratt (fol. 184 *et seq*). B'dak l-istess kuntratt il-Fondazzjoni ingħatat partijiet oħra minn dak li fil-kuntratt hu deskritt bħala *'the Lascaris War Headquarters complex'*, li pero ma tinkludix l-area fejn l-attur għandu Cafe Deux Baronnes (ara pjanti a fol.182 u deposizzjoni ta' Dr Anthony Pace, Sovretendent tal-Wirt Kulturali, fol. 165).

16. L-ewwel qorti semmiet ukoll li l-konvenut kiteb li l-Fondazzjoni kienet qegħda tagħmel qliegħ kbir mis-*Saluting Battery* mingħajr permess tal-awtoritajiet ikkonċernati. Pero' b'dak l-istess kuntratt l-istess Fondazzjoni ingħatat il-jedd li tuża l-proprjeta li għaddiet fil-pussess tagħha, *"19 ... to hold private or public functions against payment ....."*. L-iskop prinċipali ta' dak il-kuntratt kien:

> *"... for restoration, conservation, didactic and presentation purposes only, in accordance with the guardian's principal objectives to protect the Island's natural and historical heritage"*.

17. Ovvjament il-Fondazzjoni trid tiġġenera qliegħ biex tkun tista' tagħmel xogħol ta' restawr u tikkonserva l-proprjeta li ngħatat permezz tal-*guardianship deed*. L-istess kuntratt stess isemmi fi klawżola 19 li dawk l-attivitajiet isiru sabiex il-Fondazzjoni tiġġenera qliegħ li bih tkun tista' twettaq l-obbligi tagħha taħt il-kuntratt. Obbligi li jinkludu r-restawr u l-manutenzjoni tal-proprjeta għas-spejjeż tagħha (ara klawżoli 4 u 12 tal-kuntratt).

18. Hu veru wkoll li l-konvenut kiteb li l-Fondazzjoni riedet tużurpa l-porzjon art li kien ingħatat b'kera mingħand il-Gvern (ara kumment tat-22 ta' Lulju, 2012 17:47). Il-kelma tużurpa (*'usurping')* tagħti lill-qarrej x'jifhem li l-Fondazzjoni

ser taħtaf taħt idejha l-art mingħajr jedd. Dan meta mill-provi l-indikazzjoni hi li l-Gvern kien qiegħed jaqbel li dik l-part mikrija lill-konvenut, kellha tingħata wkoll lill-Fondazzjoni. Tant hu hekk li l-Kummissarju tal-Artijiet ippreżenta ittra uffiċjal kontra l-konvenut sabiex jittermina l-kirja, u dan skont l-artikolu 1576A tal-Kodiċi Ċivili. Ifisser li l-Fondazzjoni ma kienet ser tagħmel xejn bil-moħbi. Dan mhux każ fejn il-Fondazzjoni kienet ser tieħu l-liġi b'idejha, kif ta x'jifhem il-konvenut.

19. Kontroversja diskussa waqt il-kawża kienet dwar jekk il-Gunner's Master's Quarters li l-attur applika sabiex tinbena minflok il-kiosk tal-konvenut, kinitx verament teżisti fl-antik. Il-konvenut isostni li fejn jikri ma kienx hemm Gunner's Master's Quarters, u dik il-kamra kienet qegħda tintuża biss bħala skuża sabiex il-Fondazzjoni tieħu l-pussess tal-art mikrija lilu. Dwar dan xehed Stephen Spiteri (seduta tal-14 ta' Mejju, 2018), awtur tal-ktieb *British Military Architecture in Malta* (1996) u ppreżenta estratti mill-ktieb. Spjega li mir-riċerka li kien għamel ma rriżultalux li fejn hemm il-kiosk tal-konvenut, kien hemm kamra msejħa Master Gunners Quarters (fol. 370). Pero' mill-estratti tal-ktieb li ppreżenta jirriżulta li kien hemm kamra. F'wieħed mid-dokumenti li ppreżenta tidher l-istruttura u hemm stampat fuqha Ordnance Dwelling. Spjega li fil-fehma tiegħu l-bini li jidher fid-dokument a fol. 382, għandu x'jaqsam mal-artillerija għalkemm mir-riċerka li għamel ma kienx f'posizzjoni jikkonferma li kien il-Master Gunners Quarters.  Bini li jidher ukoll fid-dokument a fol. 381 u ritratti a fol. 389 u 390 fejn jingħad li ttieħdu minn *The Photography Collection Malta 1862-1937* ta' Richard Ellis. Pero' x-xhud qal ukoll li dak il-bini irrispettivament kienx Ordnance Room jew Master Gunners Quarters għandu, *"valur storiku. U żgur. Tagħmel parti minn proċess ta' żvilupp"* (fol. 375), u **kien tal-fehma li hu parti mis-Saluting Battery**. Kompla jispjega li l-pjanta a fol. 383 kienet Record Plan Master Gunners Quarters. Peress li hi Record Plan tkun saret wara li nbniet, u fiha tissemma s-Saluting Battery. Għalhekk ikkonkluda li hemm *'link'*. Interessanti wkoll kif fil-pjanta a fol. 387, li ttieħdet mill-istess ktieb, fejn illum hemm l-istabbiliment tal-konvenut hemm bini bil-kliem Gunner's Quarters. Pjanta li fil-ktieb ta' Spiteri hi deskritta bħala *'Plan of proposed saluting Battery*

*at Lascaris Valletta'* bid-data tal-10 ta' Marzu, 1923. Imbagħad fejn il-konvenut qiegħed isostni li kienet il-Gunners Quarters, hemm stampat il-kliem Guard Room.

20. Rilevanti wkoll hu li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-deċiżjoni tat-30 ta' Lulju, 2013 (**Martin Brown vs l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et**) aċċetta li fl-antik kienet teżisti l-Master Gunners Quarters fejn illum il-konvenut għandu n-negozju tiegħu (fol. 112).

21. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti hi tal-fehma li hemm prova li l-bini li kien hemm kien ta' valur storiku irrispettivament kienx jintuża bħala Master Gunners Quarters jew Ordnance Room. Jidher ukoll li l-Gvern stess kien qiegħed jirrikonoxxi l-valur storiku ta' dik il-parti tas-swar, u fil-prinċipju kien jaqbel li dik l-area tgħaddi fil-pussess tal-Fondazzjoni. Tant hu hekk li fl-1 ta' Diċembru, 2011 il-Kummissarju tal-Artijiet ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-konvenut fejn infurmah li kien qiegħed jitterminalu l-kirja *"ta' żewġ siti ta' kiosk, mwejjed, u siġġijiet, fi Triq il-Batterija, Valletta ..... stante illi l-istess site imsemmi huwa meħtieġ għall-interess pubbliku"*.

22. Il-qorti tkompli li l-konvenut ma qalx is-sewwa meta fil-post tat-22 ta' Lulju, 2012 tat-20:01 (fol. 14) kiteb li l-kamra kienet, *"... a FRONT applied for a few months ago whereby you can usurp the valid title of lease for land enjoyed by the cafe* ***to replace the NON-EXISTANT TITLE OF LEASE of the SALUTING BATTERY****..."*. Il-Fondazzjoni ma ħarġitx b'dak il-proġett sabiex ikollha post fejn tagħmel qliegħ għaliex ma kellhiex titolu fuq is-*saluting battery*. Il-pussess tas-*Saluting Battery* ingħatat lill-Fondazzjoni permezz tal-*guardianship deed* u fih jingħad li kellha d-dritt li tagħmel użu minnhom għall-attivitajiet privati u pubbliċi.

23. Da parti tal-konvenut kien konvint li l-Fondazzjoni Wirt Artna riedet dik l-area sabiex tkun tista' tużaha għal skop kummerċjali. Hu jsostni li f'dan kollu ma kienx hemm interess pubbliku, iktar u iktar meta jsostni li l-*area* ma kinitx ser

tibqa' miftuħa għall-pubbliku. Li hu żgur hu li l-Fondazzjoni applikat sabiex tingħata permess ta' żvilupp (PA/01237/12) fejn illum hemm Cafe Deux Baronnes sabiex issir: *"Restoration and re-instatement of original saluting battery entrance including demolition of existing restaurant and re-construction of master gunner's quarters"*. M'hemmx prova li l-ħsieb kien li l-*area* in kwistjoni tintuża għall-skop kummerċjali, pero' ovvjament m'huwiex eskluż diment li jkun hemm il-kunsens tal-Gvern.

24. Wara li l-qorti qrat l-atti, hi tal-fehma li l-atturi għandhom raġun jilmentaw li:

i. Il-konvenut agħmel malafama meta allega li l-Fondazzjoni kienet użurpat is-*saluting battery*. Il-provi juru li fil-fatt il-Gvern kien ta l-pussess ta' dik il-parti tas-swar flimkien ma' oħrajn, permezz tal-*guardianship deed*. Il-konvenut allega fatt li mhuwiex veru. Fondazzjoni li l-għan tagħha hu li tippreżerva l-patrimonju Malti, ma jirrifletti xejn tajjeb fuqha jekk jirriżulta li tkun ħatfet illegalment art li tifforma parti mill-patrimonju Malti sabiex tagħmel qliegħ għaliha mingħajr ebda obbligu. Aġir li jekk ikun minnu jagħmel ħsara għall-integrita' tal-Fondazzjoni u l-attur li hu l-kap eżekuttiv tagħha. Wara kollox wieħed irid jiftakar ukoll li l-Fondazzjoni għandha wkoll benefatturi tagħha, u m'għandhiex bżonn it-tip ta' reklam ħażin li għamlilha l-konvenut.

ii. Il-konvenut allega li l-eżistenza ta' Master Gunners Quarters fejn illum hemm Cafe Deux Baronnes kienet biss invenzjoni tal-Fondazzjoni sabiex tipprova taħtaf dik l-*area* wkoll, bil-għan biss li l-kirja tal-konvenut tkun terminata sabiex l-area' tiġi allokata lill-Fondazzjoni li mbagħad tkun tista' tużaha wkoll kummerċjalment kif tagħmel fir-rigward tas-Saluting Battery. Hekk per eżempju fil-post tal-20 ta' Novembru, 2012 tat-08:40 allega li l-Fondazzjoni ħarġet bil-gunners quarters ftit xhur qabel, sabiex *"... so that fleets of outside catering vans can have ample space to park"*. Għalhekk hu evidenti li l-attur insinwa li l-Master Gunners Quarters kienet biss invenzjoni tal-Fondazzjoni sabiex isservi l-interessi kummerċjali tagħha.

25. Hu fatt li jistona kif il-Fondazzjoni trid terġa' tibni l-istruttura li kien hemm fl-antik, imma imbagħad tipproponi li tagħmel l-art taċ-ċeramika u żżid in-numru tat-twieqi li jagħtu fuq il-port (ara pjanta MB4 a fol. 258). Il-qorti tistenna li jekk wieħed irid jerġa jibni bini li kien hemm fl-antik bħala parti mill-istorja, jagħmlu bħal dak oriġinali. Art taċ-ċeramika m'għandha x'taqsam xejn mal-epoka li fih sar il-bini. Fil-fatt it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-deċiżjoni fuq imsemmija, iddeċieda li l-binja kellha tkun *'com'era dov'era'* . Għamilha ċara wkoll li f'każijiet sensittivi bħal dan, jekk tintlaqa' talba għall-bini mill-ġdid, *"... **għandha jew tinbena kif kienet u fejn kienet** – punto e basta – **inkellha ma tinbeniex**"*. Kompla li jekk il-kostruzzjoni ma tkunx bħal dik oriġinali, *"... tkun qed tiġi attwata gidba jew falsifikazzjoni in kontravenzjoni tal-Artikolu 9 tal-Karta ta' Venezja"*.

26. Madankollu, kif spjegat hawn fuq il-provi juru li dik l-area hi parti mis-swar u fl-antik kien hemm bini li kellu x'jaqsam mal-militar, u m'għandux ikun hemm dubju li hu parti mill-wirt storiku ta' pajjiżna. Fiċ-ċirkostanzi, il-konvenut ma qalx il-verita' meta qal li l-eżistenza ta' Master Gunners Quarters kienet biss invenzjoni tal-atturi sabiex jaħtfu l-area minn fejn jaqla' l-għixien tiegħu. Il-qorti lanqas mhi ser toqgħod tispekula x'użu kienet ser tagħmel il-Fondazzjoni jekk il-Gvern jagħtiha l-pussess ta' dik l-*area*. Il-qorti hi tal-fehma li l-konvenut kellu dritt jagħti l-opinjoni tiegħu dwar x'setgħet kienet l-intenzjoni tal-Fondazzjoni. Pero' ma kellux dritt li jgħid fatti li m'humiex minnhom, u li fihom infushom huma attakk lejn il-kredibilta' tal-atturi.

27. Għal dawk li huma **danni**, wieħed irid jiftakar li l-konvenut sab ruħu f'sitwazzjoni fejn kien ser jitlef il-kirja li kellu. Hu veru li l-Gvern offrielu post alternattiv, pero' hu evidenti li l-konvenut ma kienx interessat minħabba li l-area li kien jikri tidher li kienet f'posizzjoni iktar vantaġġuża minn dak li offrielu l-Gvern. Ovvjament il-konvenut ried jiddefendi l-kirja li tah il-Gvern, u għalhekk ikkritika lill-Fondazzjoni.

28. M'hemmx dubju li l-ewwel qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwida d-danni morali.

29. Pero' hu minnu wkoll li l-kawża hi dwar kummenti li kiteb il-konvenut b'riferenza għall-kontroversja li nqalgħet u li dwarha kienu pubblikat tlett artikoli fil-verżjoni *online* tal-gazzetta. L-attur stess kellu kull opportunita li jagħti l-kummenti tiegħu, u fil-fatt kemm-il darba għamel post.

30. L-ewwel qorti tat ir-raġunijiet ta' x'wassalha sabiex tillikwida s-somma ta' €5,000 (ara paragrafu 8(i) tal-sentenza fejn għamlitha ċara li dik is-somma kienet ġiet stabbilita, *"... tenut kont tal-mod kif saru l-allegazzjonijiet, l-aġir tal-intimat u l-persistenza fl-allegazzjonijiet w il-vantaġġ illi minnha gawda l-intimat riżultat tal-allegazzjonijiet tiegħu, is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) f'danni hija waħda ġusta u meritata"*.

31. Il-qorti tikkunsidra li:-

i. Il-Fondazzjoni għandha interess li żżomm reputazzjoni tajba meta tqies li hi organizazzjoni volontarja li l-għan dikjarat tagħha hu li tieħu ħsieb dak li hu ta' wirt storiku f'Malta. Il-Fondazzjoni tiddependi wkoll minn għajnuna li tingħata minn benefatturi tagħha u għandha kull interess li żżomm reputazzjoni tajba mal-benefatturi u l-Gvern;

ii. Bl-istess mod l-attur bħala l-kap eżekuttiv tal-Fondazzjoni għandu interess li jżomm reputazzjoni tajba f'dak li qiegħed jagħmel f'kariga daqstant għolja fil-Fondazzjoni.

iii. L-allegazzjonijiet ta' fatt li għamel il-konvenut u li ssemmew hawn fuq, huma fihom infushom serji. Jagħtu lill-qarrej x'jifhem li l-atturi kienu in *mala fede* u vvintaw l-istorja tal-Master Gunners Quarters, u li saħansitra ħatfu taħt idejhom proprjeta pubblika mingħajr ebda jedd. Il-provi juru mod ieħor;

iv. Allegazzjonijiet li l-konvenut baqa' jirrepeti u qatt ma irtira matul is-snin;

v. Għalkemm il-konvenut kien qiegħed jiddefendi l-posizzjoni tiegħu, ma kellu l-ebda jedd jikteb fatti li m'humiex minnhom u li ovvjament kienu joskuraw ir-reputazzjoni tal-atturi;

32. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti mhijiex konvinta li l-ewwel qorti ma kellha qatt tasal sabiex tillikwida dik is-somma bħala danni.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-konvenut.**

Anthony Ellul.